

B'riferiment għar-Regolament (KE) 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (2):

**Ir-raba'**. Fil-każijiet ta' kuntratti konklużi minn konsumaturi li għalihom japplika r-Regolament Nru 593/2008, huwa konformi mal-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament li jitqies li huma validi u applikabbli l-klawżoli li jiddeterminaw il-liġi applikabbli inklużi fil-“Kundizzjonijiet Ġeneral” tal-kuntratt iffirmsat mill-partijiet, jew li huma inklużi f'dokument separat li l-kuntratt jagħmel riferiment espress għali u li għalihem prova tal-wasla tiegħi għand il-konsumatur?

**Il-ħames.** Fil-każijiet ta' kuntratti konklużi minn konsumaturi li għalihom japplika r-Regolament Nru 593/2008, huwa konformi mal-Artikolu 6(1) tal-imsemmi regolament li jitqies li jista' jiġi invokat kemm mill-konsumatur kif ukoll mill-parti kontraenti l-oħra?

**Is-sitt.** Fil-każijiet ta' kuntratti konklużi minn konsumaturi li għalihom japplika r-Regolament Nru 593/2008, huwa konformi mal-Artikolu 6(1) tal-imsemmi regolament li jitqies li, jekk ir-rekiżi tiegħi jkunu ssodisfatti, il-liġi indikata f'din id-dispożizzjoni fi kwalunkwe każ tappplika bi prioritā fuq dik imsemmija fl-Artikolu 6(3), anki jekk din tal-aħħar tista' tirriżulta iktar favorevoli għall-konsumatur fil-każ konkretni?

(<sup>1</sup>) ĠU 2012, L 351, p. 1.

(<sup>2</sup>) ĠU 2008, L 177, p. 6, u rettifica fil-ĠU 2009, L 309, p. 87.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Málaga (Spanja)  
fis-17 ta' Jannar 2022 – CAJASUR Banco S.A. vs JO u IM**

**(Kawża C-35/22)**

**(2022/C 171/20)**

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Málaga

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: CAJASUR Banco S.A.

Konvenuti: JO u IM

**Domandi preliminari**

- Huwa kuntrarju għad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u għall-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropéa li jiġi meħtieġ li l-konsumatur, qabel il-proċedura ġudizzjarja, ikun l-ewwel ressaq ilment ekstragħiduzzjarju sabiex id-dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba kundizzjoni ġeneralistika inġusta tal-kuntratt tagħti lok għall-effetti kollha ta' kumpens (inklużi l-ispejjeż tal-proċedura ġudizzjarja) relatati ma' din l-invalidità, skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (<sup>1</sup>)?
- Huwa konformi mad-dritt għal kumpens sħiħ u mal-effettivitā tad-dritt tal-Unjoni Ewropéa u tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, li jiġi ddeterminat kriterju ta' impożizzjoni tal-ispejjeż (inklużi spejjeż ġudizzjarji) li jiddependi mill-eżistenza ta' lment ekstragħiduzzjarju minn qabel imressaq mill-konsumatur quddiem l-entità finanzjarja sabiex titneħħa l-imsemmija klawżola?

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.